Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9667 — BlackRock Group/Raffles/Kellas Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 424/09)

1. Fis-6 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Global Energy & Power Infrastructure Fund III L.P. ("GEPIF III", l-Istati Uniti tal-Amerka), li tappartjeni għall-BlackRock Group ("BlackRock", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Raffles Infra Holdings Limited ("Raffles", Singapore), li tappartjeni għall-GIC Group,

— Kellas Group Holdings Limited ("Kellas Group", ir-Renju Unit), bħalissa proprjetà ta' Antin Infrastructure Partners Lussemburgu II S.a.r.l. u ta ċerti membri mill-management ta' Kellas Group.

BlackRock u l-GIC Group jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Kellas Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— GEPIF III hija fond li jiffoka investimenti fil-katina ta' valur tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija. Huwa ġestit minn sussidjarja ta' BlackRock,

— Raffles hija veikola tal-investiment ġestita minn GIC Special Investments Private Limited ("GICSI") li tiġġestixxi portafoll dinji ta' investimenti fl-ekwità privata, venture capital u fondi tal-infrastruttura, kif ukoll f'investmenti diretti f'kupaniji privati. GICSI tappartjeni għall-GIC Group,

— Kellas Group huwa negozju tal-infrastruttura midstream attiv fl-ipproċessar tal-gass naturali u ta' likwidi tal-gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9667 — BlackRock Group//Raffles/Kellas Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.